# FORTIFIKAZZJONIJIET FENIĊI FIR-RABAT

Kif nitilgħu t-telgħa tas-Saqqajja u niġbdu lejn Ta' Sawra, maġenb il-pompa tal-petrol li hemm, naraw ħofra kbira li qed timtela b'xi-tel u siġar. Baqgħet f'dan l-istat għax fl-iskavi li saru fis-snin 70 instabu fdalijiet li jmorru lura għal madwar 900 sena Qabel Kristu. Dawn huma l-fdalijiet ta' fortifikazzjoni Feniċja u dar Feniċja. Wara l-pompa tal-petrol instabu fdalijiet Rumani, datati 200 sena Qabel Kristu. Fost dawn il-fdalijiet instabet struttura Rumana li l-art tagħha hi mibnija fuq anfori rashom 'l isfel. Numru ta' Maltin jinjoraw dawn is-sejbiet, iżda biex nitfgħu aktar dawl fuqhom, tkellimt ma' Patri Eugene P. Teuma, Franġiskan Konventwali.

Minn **CHARLES B. SPITERI**



Ritratt 1995 - Parti mill-Belt Feniċja (dar privata)

**Fr Eugene, minbarra l-ġebel antik, xi nsibu aktar f'dan is-sit?**

Hemm l-art, fejn naraw li biex jaqtgħu l-umdità, intużaw il-pozzolana u l-cocciopesto, peress li fih l-integrazzjoni ta' rham u biċċiet tal-fuħħar u magħmulin f'disinn. Din il-kwalità ta' art hi tipikament Feniċja u nsibuha wkoll f'Tas-Silġ u f'postijiet oħra. L-użu ta' dan il-materjal instab daqs żewġ metri u nofs taħt il-livell tat-triq. Is-sejba Rumana qiegħda fil-ġnien ta' wara l-pompa tal-petrol.

Fuq in-naħa tal-ġenb tal-istess pompa tal-petrol, f'żewġt idjar, taħt ħames metri fond wieħed isib ukoll il-fdalijiet tal-ħajt tal-belt Feniċja. Il-partikolaritajiet tagħhom huma l-ħajt fortifikat, dar, u l-mod kif hi mibnija, peress li hi simili għad-djar Eġizzjani.

**Kemm jeħduna lura fl-istorja dawn il-fdalijiet?**

Mid-disinji fil-ġebla, magħrufin bħala ġidra, (embossment) li hemm fuq il-ħajt Feniċju jikkorrispondu ma' arkitettura fil-Palestina, fil-perjodu ta' David u Salamun, jiġifieri madwar 950 sena Qabel Kristu. Issa, biex insibu fortifikazzjonijiet daqstant konsistenti, bilfors li l-Feniċi kienu waslu Malta xi daqsxejn qabel minn hekk. U llum hemm diversi studjużi u arkeologi li jgħidu li l-Feniċi kienu hawn Malta qabel id-data li konna naħsbu.

L-ikbar binja li naraw hi l-ħajt tal-belt u mbagħad tracċi bi tliet ġebliet ta' torri. Jekk wieħed jara d-disinn ta' kif sar ix-xogħol f'dak li hu ġidra tal-ġebla, jinduna li hu kompletament differenti u fiż-żmien, il-bini tal-ħajt il-qadim u t-torri jvarjaw għal bejn 150 u 200 sena. Naturalment, l-ewwel li nbena kien il-ħajt, li jista' jintlemaħ f'dik il-ħofra li hemm bejn il-bini.

**Kif kienet tkun il-forma ta' belt Feniċja?**

Ħafna drabi l-ibliet Feniċi kienu jieħdu forma mdawra, skont il-forma tal-għolja li kienu jinbnew fuqha. Aspett ieħor kien l-użu tal-ġeografija taż-żona. Minflok iħaffru fossat quddiem is-swar, il-Feniċi kienu jfittxu li quddiem il-ħajt ikun hemm dizlivell ta' diversi metri biex iservihom ta' lqugħ minn attakki mekkanizzati (battering rams). L-istess ħitan tal-belt kienu mibnija bil-kunċett li jilqgħu għal dawn it-tip ta' attakki billi jinbnew ħitan separati f'diversi metri u bejniethom ikollhom ħajt li jorbot, f'daqs ta' kamra. Dawn l-ispazji bejn il-ħitan, ġeneralment kienu jimtlew bit-terapien.

Mhux l-ewwel darba li fl-istudju arkeoloġiku nsibu li dawn l-ispazji tmaddfu mit-terrapien u nbidlu biex servew ta' kmamar ma' djar li nbnew wara, mal-ħajt.

Simili għall-Eġizzjani u l-kulturi ta' dak iż-żmien, li ma kellhomx il-kunċett tal-arkata, il-binjiet kien ikollhom numru ta' kolonni jokkupaw l-ispazju, biex jiffaċilitaw it-tqegħid ta' xorok tal-qasba, biex isaqqfu. Tant li l-Feniċi kienu wkoll fost l-ewwel popli li kellhom il-banjijiet bl-ilma, biex jinħaslu fid-djar. Kienet kultura u ċiviltà avvanzata ħafna.

**X'juri fiċ-ċert li l-ħajt misjub hu ħajt Feniċju?**

Iċ-ċertezza tirriżulta mill-casement wall, fejn ikollok żewġ ħitan mibnija f'distanza, iżda jkun hemm ħajt li jorbot kull tant numru ta' metri. Fil-maġġor parti, l-ispazju ta' bejn il-ħitan kien jimtela b'turbazz.

Jirriżulta li l-oriġini tal-bliet fortifikati żviluppaw mill-kunċett ta' villaġġi jew belt li d-djar tagħhom inbnew imissu ma' xulxin u fit-tond, biex jagħtu l-impressjoni ta' belt fortifikata.

Il-kunċett ta' casement wall qed jimmilitarizza dan il-kunċett billi jinbena ħajt ieħor 'il barra mill-ħitan ta' dawn id-djar. Il-ħtieġa li l-villaġġi jew bliet ikunu ffortifikati bdiet għall-ħabta tal-1,200 u 1,000 sena Qabel Kristu, minħabba l-attakki ta' dawk li huma magħrufin bħala s-Sea Peoples, li qerdu ċiviltajiet sħaħ kull fejn rifsu, mill-Greċja, it-Turkija, is-Sirja u l-Palestina. L-uniċi li rnexxielhom jiqfulhom, kienu l-Eġizzjani u l-Assiri. Is-Sea Peoples aktarx kienu popli differenti minn Sardenja u l-Greċja li minħabba diżastri ekoloġiċi (nuqqas ta' xita, kesħa) u naturali (vulkani, terremoti) saru "pirati" fuq skala kbira.

**Nergħu lura għas-sit tar-Rabat. Xi nsibu aktar li hu Feniċju?**

Hemm il-partikularità tat-Torri miżjud mal-ħajt fortifikat tal-belt. Minkejja li fadal biss tliet blatiet tal-pedament f'posthom (in-situ), dan juri li t-torri ġie miżjud żmien wara. Jekk wieħed jieħu t-tip ta' ġidra maħduma fil-ġebla, dan juri teknika kompletament differenti minn dak tal-ħajt tal-belt. Il-pedament tat-torri jinsab xi metru u nofs 'il quddiem mill-ħajt, u mhux marbut miegħu. Ir-raġuni kienet waħda difensiva. Jekk it-torri jċedi, ma jiġbidx miegħu lill-ħajt tal-belt.

Iż-żieda tat-torrijiet mal-ħitan tal-belt narawha fil-Libanu u l-Palestina, f'madwar 150 u 200 sena wara l-bini tal-ħitan. Hu żvilupp ulterjuri għal dak li hu l-casement wall li kellna qabel. Il-blatiet tal-ħajt il-kbir tas-Saqqajja huma ta' daqs ikbar u maħduma b'reqqa akbar minn dawk li jiffurmaw il-ħajt tat-torri.

> L-ikbar binja li naraw hi l-ħajt tal-belt u mbagħad tracċi bi tliet ġebliet ta' torri. Jekk wieħed jara d-disinn ta' kif sar ix-xogħol f'dak li hu ġidra tal-ġebla, jinduna li hu kompletament differenti u fiż-żmien, il-bini tal-ħajt il-qadim u t-torri jvarjaw għal bejn 150 u 200 sena

**Għandna elementi minn barra biex nistgħu ngħidu kif kienu jidhru dawn il-fortifikazzjonijiet?**

Rigward id-dehra tagħhom, l-unika rappreżentazzjoni li għandna hi dik tal-riljievi mal-ħitan ta' ġewwa, tal-Palazz ta' Sargon, fil-kapitali Assira ta' Nineveh. Dawn jirrappreżentaw assedji varji, fosthom ta' Tir u f'dettalji kbar juru l-ħitan tal-belt u d-djar ta' warajhom. L-interessanti hu li fuq id-djar kien ikun hemm ġonna b'terrazzini kkolonnati, li kienu jinkludu wkoll siġar imdaqqsin.

**X'importanza jwasslilna wieħed mir-riljievi msemmija?**

Fih insibu l-ħarba tar-re u n-nobbli, li marru fil-gżira ta' Ċipru. Fil-ħarba jidhru l-fortifikazzjoni-

**"**

**L-arkeoloġija tas-sit ta' Borġ in-Nadur, li qiegħed ftit bogħod minn Villa Kaċċatura, turi li lejn is-sena 1,000 Qabel Kristu, kienu qed jikkummerċjaw man-nies ta' Żmien il-Bronż**



Ritratt 1995 - Fuq quddiem jidhru t-traċċi tat-torri u warajh il-ħajt tal-belt

jiet tal-Feniċja, li sal-lum, fil-Libanu ma nstabux, tant kemm kienet kbira l-qerda. Is-sabiħ ta' dawn ir-raffigurazzjonijiet juruna l-ibliet, bid-djar telgħin minn wara l-fortifikazzjonijiet, għax qegħdin imkaħħlin magħhom, b'uħud ikomplu d-disinn tal-fortifikazzjoni.

**Għal liema perjodu jmorru lura s-swar fis-Saqqajja?**

Il-ħajt fortifikat, li hu ta' żmien il-Feniċi, fis-Saqqajja, nissoponu li jmur lura għal żmien ir-Re David – ħabta tas-sena 950 Qabel Kristu. Is-saltna ta' Iżrael kienet alleata qrib ħafna tal-Feniċi. Tant hu hekk li wara l-mewt tar-Re David, ir-Re tal-Feniċi ħallas u ta l-materjal kollu biex inbena t-tempju ta' Alla, fil-belt ta' Ġerusalemm.

Il-Feniċi għenu wkoll lil David biex jiffortifika l-bliet tiegħu fuq il-prinċipji arkitettoniċi tagħhom. Dan komplew jagħmluh ukoll fi żmien Salamun, bin ir-Re David.

Fejn jirrigwarda s-sit Feniċju f'Malta, insibu wkoll li dan hu integrat ma' wieħed mill-bibien tal-belt Feniċja, li għadu jinstab taħt it-triq ewlenija, u qatt ma ġie skavat. Dan ikun skavi importanti ħafna, għax huma ftit is-siti arkeoloġiċi li jikkonservaw is-sit tal-bieb tal-belt Feniċja.

**Id-djar li kienu jinbnew fi żmien il-Feniċi kellhom xi partikularità?**

Kif nistgħu naraw mid-dar li għadhom jeżistu fuq is-Saqqajja, il-kmamar kellhom kolonnati kwadri fin-nofs tagħhom biex jistgħu jissaqqfu. L-għoli tagħhom seta' jkun ta' numru ta' sulari kif jidher fir-riljiev tal-Palazz ta' Sargon. Issa, minħabba n-numru qawwi ta' dan il-kolonnat u x-xorok imdaqqsa mqegħdin fuqhom, nistgħu naslu fil-konklużjoni, li s-soqfa kienu jifilħu piż konsiderevoli tant li anki kienu jitqiegħdu siġar fuqhom.

Dan il-kunċett jintilef wara l-perjodu Feniċju, peress li ħafna mis-soqfa Rumani bdew jużaw travi tal-injam bix-xorok fuqhom.

Mudell importanti li nistgħu nqabblu ma' kif kienet tinbena dar Feniċja hu dak tal-ġiebja, li nbniet fl-istess epoka, fil-Villa ta' Kaċċatura f'Birżebbuġa.

**Dan il-perjodu Feniċju li qed nittrattaw, fuq liema era qed nitkellmu?**

L-arkeoloġija tas-sit ta' Borġ in-Nadur, li qiegħed ftit bogħod minn Villa Kaċċatura, turi li lejn is-sena 1,000 Qabel Kristu, kienu qed jikkummerċjaw man-nies ta' Żmien il-Bronż.

Il-fortifikazzjoni tas-Saqqajja, kif għedna diġà, tmur lura għas-sena 950 Qabel Kristu. Il-ħajt tal-belt baqa' sas-sena 208 Qabel Kristu, jiġifieri dawk is-swar servew għal 'il fuq minn 600 sena, qabel ma twaqqgħu u ndifnu mir-Rumani. Kif nafu, ir-Rumani bnew il-belt il-ġdida ta' Melita fuqhom.

**Meta r-Rumani waslu Malta għaliex ma qerdux kollox?**

Hawn Malta kien hawn 4,000 suldat/merċenarju Kartaġiniż, iżda l-abitanti ta' Malta, li kienu Feniċi; ġejjin minn bliet differenti, anke jekk mill-kosta tal-Libanu, ma kinux jaqblu mal-Kartaġiniżi u meta ġew ir-Rumani, dawk li kienu meqjusin bħala 'Maltin', fetħu l-belt u ċedewhielhom. B'hekk saru alleati. Għalhekk ir-Rumani ma kellhomx għal xiex jattakkaw. Il-Feniċi ta' Malta alleaw irwieħhom mar-Rumani. Meta r-Rumani bnew kemm il-fortifikazzjonijiet, kif ukoll il-belt ta' Melita, illivellaw il-belt Feniċja li kien hemm qabel, bla ma kellhom għaliex jeqirdu kulma sabu tal-Feniċi.

**Jidher li l-bieb tal-belt qiegħed fil-kantuniera tal-fortifikazzjoni. Kien possibbli dan?**

Żgur li ma kienx hekk. Il-bieb tal-belt dejjem kien il-punt l-aktar debboli fil-fortifikazzjoni. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-bieb bilfors li kienet bejn żewġ ħitan ta' ċertu tul. Dan ifisser li parti konsiderevoli mill-belt Feniċja krollat minħabba fit-tafal li hemm fiż-żona magħrufa bħala 'Tafal tal-Imdina'.

Il-pedament tal-bieb u s-swar tal-belt huma mibnija fuq 3 sa 4 metri blat, li jistrieħ fuq madwar 12-il metru (40 pied) ta' tafal. Il-ħxuna tal-blat, minkejja li kienet ta' spessur ridott kienet tiflaħ għall-istrutturi ta' dak iż-żmien. Biss, it-truf tal-għolja dejjem kienu dgħajfa u kien hemm proċess ta' kollass, li kiel mill-istess għolja matul is-sekli. Dan insibuh b'mod ċar ħafna kemm fuq in-naħa tas-Saqqajja, kif ukoll fuq dak ta' Għeriexem.

**Iżda għaliex qajla jingħata għarfien fuq dawn il-ġrajjiet storiċi?**

Għax il-Malti hu aktar interessat fil-leġġendi milli fil-verità storika li toħroġ mill-arkeoloġija jew fdalijiet tal-arkitettura. L-arkeoloġija (l-istudju tal-fdalijiet), flimkien mad-dokumentazzjoni storika, jagħtuna viżjoni iktar ċara u reali ta' kif kienu l-affarijiet fi żminijiet imbiegħda, u li ftit li xejn għandna idea tagħhom. Għalhekk, il-qerda tas-siti arkeoloġiċi u l-interpretazzjoni tagħhom, huma telfa kbira fir-rigward tal-istorjografija ta' gżiritna.

**Issa fil-perjodu Feniċju xi kemm setgħet kienet il-popolazzjoni ta' Malta?**

Dibattibbli, għax meta r-Rumani ġew Malta, il-Feniċi kienu diġà ilhom jistampaw il-muniti tagħhom għal mijiet ta' snin. U ma kinux se jistampaw muniti jekk il-popolazzjoni kienet żgħira. Jiġifieri dejjem trid tikkalkula li għandek bejn *10,000 - 20,000* ruħ, minbarra l-ammont ta' persuni oħra li kienu lsiera u persuni li mhumiex ikkunsidrati f'dak l-ammont. Magħhom trid iżżid ukoll 4,000 suldat/merċenarju Kartaġiniż.

**Issa meta niġu għall-arkeoloġija, dejjem jinstab li ż-żona tar-Rabat u tal-Imdina, kienet l-aktar belt fortifikata hux?**



Ritratt 2006 - Il-casement wall Feniċju u parti mid-dar privata mibnija mal-ħajt

Safejn nafu, minn dokument tal-Ewwel Seklu jissemmew li kien hawn żewġt ibliet kbar, probabbli parti minnhom fix-Xemxija, għax il-mijiet kbar ta' oqbra jibqgħu ġejjin mill-Manikata. Dan il-fatt jagħtina indikazzjoni ċara li kien hemm post abitat sew. Belt oħra setgħet kienet Marsaxlokk, peress li biex kien hemm tempju pagan, antik ħafna, u l-Bażilika (fiż-żmien Biżantin) ried ikun hemm numru sew ta' nies jabitaw qrib il-port. M'għandna l-ebda dubju li din il-Bażilika kienet tintuża b'mod regolari.

**Iżda kemm fix-Xemxija kif ukoll f'Marsaxlokk, insibu li hemm il-portijiet imma fir-Rabat m'hemm xejn.**

Iva, u dan peress li normalment, il-Feniċi kienu jibnu fuq ix-xatt, f'punt fejn ikollok żewġ portijiet: wieħed għall-kummerċ u l-ieħor bħala bażi militari. Ix-Xemxija u Marsaxlokk jidħlu tajjeb f'dan il-kuntest. Il-fortifikazzjonijiet tal-belt Melita fil-perjodu Feniċju mhumiex bħal dawk ta' belt tipika Feniċja, iżda mill-banda l-oħra, jekk trid iżżomm kontroll ta' gżira sħiħa, trid tkun qed tikkontrollaha miċ-ċentru.